## JIBDA N-NOVIZZJAT

Karmnu Mifsud, beda n-novizzjat fil-Kumpanija ta’ Ġesù fis-7 ta’ Settembru 1955 u għamel l-aħħar voti tiegħu fil-15 ta’ Awissu 1966. F’diskursata rrekkordjata li l-aħwa kellhom bejniethom ħareġ dan it-tagħrif. Ġuża qalet hekk: “Meta jiena tlajt ir-razzett, lil din ommi sibtha tibki. U qaltli, ‘Ġuża ħa nagħtik aħbar, ħa tnikktek ftit din l-aħbar illum.’

Għidtilha, ‘x’għandek, x’ġara ma?’ Qaltli, ‘għaliex Karmnu urieni l-Madonna tat-Triq u qalli li ħa jibdel it-triq u ħa jmur mal-Ġiżwiti.’ Għidtilha, ‘Ma, nintrabtu mar-rieda t’Alla għax ir-rieda t’Alla ma nistgħux niġġieldu magħha. Ara tmur tgħidlu xi ħaġa ta, għax jiena ngħid għalija ħa nikkuntatta miegħu bil-mija fil-mija u mhux bid-disgħa u disgħin fil-mija.’”

Tgħid li anka missierha Sidor kien qalilha, “Ġuż,” għidtlu, ‘hawn,’ qalli, ‘inti taf b’xi ħaġa fuq Karmnu?’ Għidtlu, ‘Fuq Karmnu xi tridni nkun naf jiena?’ Qalli, ‘għax Karmnu għandu jkun ħa jħallina, għandu daqs dak raba hu u Kola.’ Insomma, għidtlu, qalli, ‘ijwa, ijwa, ijwa, dik il-volonta t’Alla, mela nħalluh għar-rieda t’Alla.’

U mbagħad insomma taf inti li niżżiħajr lil Alla waslet l-aħħar ġurnata illi kien hawn mingħalija Dun Ġużepp ta’ Randa hux hekk, kien hawn ommi illi qaltlek, ‘ibni, ħa nbierkek l-aħħar waħda.’  Kien hawn kullma hawn nies. Għax il-Ħadd inti kont ġejt, il-Ħadd konna għamilniha għall-qassisin aħna (festin), kellna l-għorfa mimlija bil-qassisin, kien hawn xi sittax. Kien hawn il-Kappillan Dun Nikola...”

## ĠUŻA U OMMHA JŻURU LIL KARMNU N-NAXXAR

F’diversi okkażżjonijiet oħra, Ġuża tirrakkonta li meta darba hi u ommha marru jaraw lil Karmnu, fetħilhom il-bieb ta Loyola House, ċertu Patri Emvin Busuttil. Dan qal lil ommha, “Ħalli mmur inġiblek lil Karmnu, inti oqgħod kellem lil Karmnu u jien inkellem lil Ġuża”.

Ġuża tkompli tgħid hekk, “Dan mar ġab lil Karmnu li qagħad jitkellem ma ommi fil-kamra ta barra. Meta konna waħedna dan Patri Busuttil, illum mejjet, qalli, ‘Ġuża illum ħa nkellmek ħafna ċar, aktar mis-soltu. Issa ommok u missierek dalwaqt imutu u inti ħa tisfa waħdek’. Jien qbiżt u għidtlu, ‘Dan jien naf bih’. Hu qalli, ‘Jiena ċert illi inti, għandek tmut b’libsa ta’ reliġjuża’, u jiena li f’dak



iż-żmien kelli xi ħaġa fuq tletin sena, għidtlu, ‘Ma tarax, issa xjaħt u minhiex tajba biex immur soru.’ Qalli, ‘Xjaħt għax għandek tletin sena! Jien ħa ngħidlek li ntik ċans li jmutu ommok u missierek u mbagħad anka ta’ sittin sena nibagħtek soru’. Jien għidtlu, ‘Ħa tagħmilli ħafna nkwiet għax donni ma nafx x’qegħda nħoss.’

Hu sejjaħ lil ommi u ġie ħija u ħija lanqas tant ħa gost bil-proposta li qallu l-Father. Qallu, ‘Issa jinstarmu kemm ommi u missieri’. Ommi qaltlu, ‘X’għamiltilna, illum tajtni daqqa ta sejf kbir f'qalbi. Jekk twarrab Ġuża jiena mmur l-Ingieret, għaliex Ġuża hija l-bastun u l-id il-leminija tiegħi’. Patri Busuttil qalilha, ‘Veru li hu hekk, imma m’aħniex ser inħallu lil din it-tifla waħedha. Hemmhekk tkun miġbura u ma jonqosha xejn’.

Bil-għajnuna t’Alla ħriġna minn hemm ġew, imma kemm ommi u kemm jien ħriġna nkwetati ħafna. Jiena wrejthom id-dar li miniex kuntenta, tant kont imdejqa u jiena u ommi bdejna nibku t-tnejn. Ommi mbikkija kienet tgħidli, ‘Binti x’jonqsok, ħa toħroġni minn ġo dari’. Hi fetħet qalbha mad-direttur spiritwali tagħha u wara xi jiem waqt li kont qegħda fin-naqra ta’ ħanut li kelli mad-dar nara lil dan is-saċerdot ġej u qalli, ‘Ġuża x’ġara?’ Għidtlu, ‘Xejn ma’ ġara. Nhar il-Ħadd morna naraw lil ħija Karmnu u Patri Busuttil qabad fija biex nidħol soru’. Dan qalli, ‘Oqgħod bi kwietek Ġuża, daqskemm għandek appostolat u jiena ħa nurihulek l-aqwa apostolat. L-ewwel appostolat kbir li għandek, aqwa minn ta’ soru hu li qegħda ddur b’ommok u missierek. Kieku qegħda soru kieku ma tistax tilħaq dan l-appostolat hekk kbir. Barra minn hekk inti delegata tal-morda u jiena nħossni ħafna kuntent bik għax qegħda taqdi dmirek mill-aħjar mal-morda. Qegħda wkoll fil-Figlie di Maria u għandek din l-akbar opra li tikkonsagra l-familji’.

Ġie wkoll il-kappillan tal-parroċċa, ċertu Dun Nikol Aquilina u meta kellmitu ommi qalilha, ‘Jien stess ħa mmur inkellmu għax Ġuża għandha biżżejjed appostolat kbir’. Imma dan għalija ma kienx biżżejjed u xi tlett ijiem wara qbadt u mort għand Dun Ġorġ Preca u dan qalli, ‘Ħalli f’idejja għax ħa nibgħatlu ittra u ngħidlu l-ħarufa tagħna tas-Siġġiewi li tant għandha merħla kbira x’tirgħa, ħallijhielna bi kwietha’. Imbagħad tant waqgħet kuntentizza kbira fuqi, fuq ommi u fuq missieri għax ħassejt li dan kien dak li Alla jrid minni.”



## TMUT NIKOLINA, OMM ĠUŻA U KARMNU

Omm Ġuża marret tiltaqa’ mal-Mulej fl-1 ta’ Novembru 1964. Ġuża tirrakkonta li, “Meta rajt lil ommi ma għandix ħajja tant bkejta lil ommi jien għax ma bsartx hu li ser tħallini hekk ommi, kiesaħ u biered. Kien hemm nies tafux, fil-mewt ta’ ommi kelli d-dar mimlija bin-nies imma mbagħad f’daqqa waħda ġie ħija, jiena ngħidlu ħija ż-żgħir Karmnu li għandi mal-Ġiżwiti u beda jiċċassa hu għax hija ma riditux lil ħija jiġi qabel meta kienet ħajja. Kienu ħa jċemplulu, qaltilhom, ‘Iċċemplulux għax Ġuża għamlet lejl miegħi titħabat dan illejl u ma tiflaħx toqgħod titħabat miegħu issa biex issajarlu. Meta jiġi Karmnu ħa jsibni mejta.’ U ta’ l-għaġeb kollox hekk kien. Ġie ħija Karmnu u sabha mejta għax imbagħad kelli t-tabib. Dak qalli, ‘Ġuża, oqgħod kwieta jaħasra, toqgħodx tibki, ftakar kemm kien iħobbha ħuk, kienu jorqdu sodda fejn sodda f’dik il-kamra fir-razzett tal-Girgenti. Min jaf x’qiegħed iħoss bħalissa f’qalbu dana ħuk li ma laħaqx lil ommok ħajja u inti bil-biki tiegħek qegħda tkomplih.”

Wara l-mewt ta’ ommhom l-aħwa kollha baqgħu jinħabbu ħafna. Kull meta Karmnu kien jiġi jqatta’ xi ġurnata għand Ġuża, din kienet tilqgħu mill-aħjar li tista’ u anka tipprova ssajjarlu xi ħaġa speċjali.

## IL-MEWT TA’ ĠUŻA

Iżda Karmnu lanqas lil oħtu Ġuża ma laħaq ħajja. Dakinhar tat-28 ta’ Ottubru 1996, Ġuża mietet fi ftit minuti. Ċempilna Loyola House u lil xi qraba oħra ta’ Ġuża biex nagħtuhom l-aħbar. Ftit tal-ħin wara reġgħu ċemplu minn Loyola ħouse, qaluli li ser ikellimni Karmnu. Jien ma kontx naf x’ser naqbad ngħidlu. Bdejt ngħidlu li Guża tinsab ħażin ħafna iżda meta kellimni Father ieħor warajħ qalli li kienu qalulu li kienet mietet u li xtaq jigi jaraha. Jien għidtlu li jistgħu jiġu. Filfatt Karmnu ġie flimkien ma’ Fr. John Scerri. Ma setax jonqos li ma jkunx preżenti wkoll għall-funeral t’oħtu li sar l-Erbgħa tletin ta’ Ottubru 1996. Qabel ma’ ingħalaq il-qabar Karmnu flimkien ma’ Sr. Roża Balzan tefgħu xi fjuri fuq it-tebut ta’ persuna tant għażiża għalihom it-tnejn.

Qabel ma’ daħal mal-ġiżwiti, Karmnu kien jgħin lil ġenituri tiegħu u lil ħutu fix-xogħol tar-raba. Meta daħal mal-ġiżwiti baqa’ jagħmel l-istess xogħol, kien jieħu ħsieb ir-raba li kien hemm f’Loyola House. Baqa’ f’kuntatt man-natura, mas-sempliċita’ tal-ħajja u ma’ l-umilta’. B’moħħna huwa diffiċli li nifhmu x’hemm fil-ġenna, iżda ninsab ċerta li jekk hemm il-ġonna u r-raba, l-Mulej ma hu ser isib l-ebda diffikulta li jafdah f’idejn it-twajjeb Karmnu.



Bil-mewt ta’ Bro. Karmnu l-aħwa kollha reġgħu ingħaqdu flimkien: Nikola, Karmni, Anna, Karmnu u Ġuża. Agħtihom Mulej il-mistrieħ ta’ dejjem, id-dawl ta’ dejjem jiddi fuqhom, jistrieħu fis-sliem. Amen. Mis-sema itlobu għalina u għall-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni!

**Sylvana Spiteri LL.D**

## IL-LAQGĦA TA’ ĠUNJU 2010

Il-Ħadd 6 ta’ Ġunju 2010, kull min tela l-Girgenti kellu l-grazzja li jassisti għal Adorazzjoni Ewkaristika oħra li saret bil-permess ta’ l-Arċisqof Mons. Pawl Cremona.

Wara li tkanta l-innu tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni u ntqalu tliet Ave Marijiet lill-Madonna bi tħejjija għal din il-laqgħa, indaqqet il-Panis Angelicus filwaqt li l-Isqof Mons. Adeodato Micallef wassal lil Ġesù Sagramentat fuq l-artal mejda li ġie mħejji għal okkażżjoni tant għażiża. Wara ntqal ir-rużarju u l-litanija ta’ riparazzjoni lil Ġesù Sagramentat. Aktar tard inqrat silta mid-diskorsi li kienet għamlet Ġuża fuq l-Ewkaristija. Din is-silta kienet tgħid hekk:

“F’messaġġ irrekordjat minn Ġuża fl-24 ta’ Ġunju 1994 hija qalet, “Illum jiena kelli viżjoni kbira ħafna fuq Ġesù ta’l-Ewkaristija li m’għandhiex x’taqsam ma’ l-affarijiet tad-dinja u ta’ l-art għax jiena rajt lil Ġesù ta’ l-Ewkaristija u ħafna anġli sbieħ jagħtuh adorazzjoni bl-inċens f’idhom. Araw x’imħabba kbira għandu jkollna lejn l-Ewkaristija.

Rajt kwantita, eluf ta’anġli jaduraw b’ wiċċhom fl-art, jagħtu qima lil Ġesù ta’ l-Ewkaristija. L-ilbies ma ngħidilkomx kif kien. Min kien liebes l-abjad, min kien liebes kulur aħdar sabiħ, sabiħ ħafna, min kien liebes kulur ħafna sabiħ ċelesti, min kien liebes kuluri ċari fir-roża, zgħażagħ divini.

Ngħidilkom li l-ġebel immermer li għandi fid-dar sarli kollu affarijiet immensi sbieħ. Fil-ħin tal-viżjoni l-ġebel ma naraħx immermer, narah ileqq, kullimkien ikolli d-dawl, kullimkien ikolli d-dija, kullimkien rajt ħafna raġġi dal-lejl, raġġi ta’ fided sbieħ imma dawk kienu neżlin mis-sema. Illum rajtha speċjali l-Ewkaristija... għax illum rajt ħafna żgħazagħ divini, minn tal-belt imqaddsa t’Alla jagħtu l-qima kif għandhom jagħtu lill-Mulej Ġesù fl-Ewkaristija: b’dak l-inċens f’idejhom, b’dik ir-ras baxxuta għarkobbtejhom, b’dak il-ġisem divin tagħhom li qegħdin jaduraw lil Ġesù ta’ l-Ewkaristija...”

Matul din il-laqgħa ma setax jonqos il-messaġġ fuq l-Ewkaristija li wassal l-Isqof Micallef. Intqal diversi talb iehor ta' tifħir u anka riparazzjoni lejn Ġesù ta' l-Ewkaristija, inqrat silta mill-Bibbja, saret iċ-ċerimonja tal-qanpiena, it-talb tal-Madonna, ta' San Ġużepp, San Mikiel u ta' Ġesù jbati u tkantaw diversi innijiet Ewkaristiċi. Il-qofol tal-laqgħa intlaħaq bil-barka Ewkaristika fost il-ġabra kbira ta' dawk kollha preżenti.

Ikun imfaħħar Ġesù Ostja, veru Alla u veru Bniedem, għal dejjem ta' dejjem.

## DVD - IX-XEJN AĦJAR MINNI

"Minn jien? Jien ma jien xejn, ix-xejn aħjar minni!" Hekk jibda d-DVD b'tagħrif siewi u nteressanti dwar Ġuża Mifsud u l-messaġġ tal-Girgenti.

Fejn għexet Ġuża? X'kienet tagħmel f'żogħżitha? Minn fejn ġew it-titoli Madonna tal-Konsagrazzjoni u Madonna tal-Girgenti? San Ġorġ Preca u Dun Ġorġ Mercieca x'sehem kellhom f'hajjitha? X'riedet il-Madonna minn Ġuża? Ġuża lill-Madonna biss rat? X'qalu dwar Ġuża Mons. Carmelo Xuereb, Mons. Salvatore Grima, Mons. Amante Buontempo u Dun Nazzaren Tonna? Hafna grazzji maqlugħa, hafna ritratti, filmati u aktar...
Kull min hu devot tal-Madonna taht it-titoli tal-Konsagrazzjoni jew tal-Girgenti u min jixtieq ikun jaf aktar dwar dawn il-ġrajjiet, ma jistax ma jakkwistax kopja ta' dan id-DVD!

## L-ANNIVERSARJU MILL-MEWT TA' ĠUŻA MIFSUD

Nhar il-hamis 28 ta' Ottubru 2010 jahbat l-erbatax-il anniversarju mill-mewt ta' Ġuża Mifsud. Ser tiġi ċelebrata quddiesa għar-ruħha fil-Knisja Arċipretali tas-Siġġiewi dakinhar fis-6.30p.m. Nappella sabiex nattendu bi ħġarna. Nappella lil dawk kollha li qalgħu grazzji, dawk li kienu jafuha u d-devoti tal-Madonna sabiex nattendu u flimkien nirringrazzjaw lil Alla u l-Madonna li għoġobhom jinqdew b'Ġuża sabiex iwasslu l-messaġġ tagħhom.

**DIKJARAZZJONI:** Il-Bord Editorjali ta' dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.



## GRAZZJI MAQLUGĦA

**N. N. miż-Żurrieq** tirringrazzja lil Alla għaliex qalgħet hafna grazzji bl-interċessjoni tal-Madonna u ta' Ġuża Mifsud. Hija kompliet tikteb hekk: "Jiena nghid it-talba kuljum ghax nixtieq li naqla' xi grazzji ohra jekk inhi r-rieda t'Alla.

Is-sena l-oħra ommi bdiet thossha mdardra, qisha trid tirremmetti. Kienet thossha bla sahha u la ahna u lanqas it-tabib ma kien jaf x'kien il-kaġun. Jiena mill-ewwel bdejt nitlob lill-Madonna biex turina x'għandha ommi u wara tlett ijiem it-tabib ittestja d-demm. Sab li ġisimha kien nieqes mill-melh. Kif bdejnielha l-mediċina li ordnala t-tabib mill-ewwel bdiet tiehu sahhitha lura. Mill-ġdid nirringrazzja lil Alla, lill-Madonna tal-Konsagrazzjoni u lil Ġuża Mifsud.

**N.N. mill-Ħamrun** kitbet hekk: Nirringrazzja lill-Mulej għall-grazzji li qlajt bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Jiena nġorr il-labtu mieghi kull fejn immur biex il-Madonna tharisni u qatt ma ninsa kemm kont niehu pjaċir nisma' lil Ġuża tkellimna fuq il-Madonna... Jiena dejjem emmint dak li kienet tghid. Viva l-Madonna.

**Jennifer Bilocca minn Ħaż-Żabbar** tirringrazzja lil Alla għal hafna u hafna grazzji li qalgħet bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni u ta' Ġuza Mifsud.

### TALBA

Sinjur Alla ta' l-Eżerċiti ixhet il-harsa tiegħek fuqi, twarrabx idejk minni u żommni dejjem marbut/a mal-volonta' mqaddsa tiegħek.

Mulej, nadurak, imbierkek u nfaħħrek u filwaqt li niżżik hajr tad-doni u l-grazzji li inti tajt lil Ġuża Mifsud, nitolbok sabiex bl-interċessjoni tagħha u ta' Ommi Marija Santissima, taqlagħli din il-grazzja li tant nixtieq. Amen.
Glorja lill-Missier...



# AVVIŻI

1. Il-laqgħat li jmiss se jsiru kif ġej:
   Il-Hadd 3 u 17 ta' Ottubru 2010 fil-5.00p.m.
   Il-Hadd 7 ta' Novembru 2010 fit-3.30p.m.
   Il-Hadd 21 ta' Novembru 2010 – Mhemmx laqgħa – Festa ta' Kristu Re
   Il-Hadd 5 u 19 ta' Diċembru 2010 fit-3.00pm
   Il-Hadd 2 u 16 ta' Jannar 2011 fit-3.00p.m.

2. Dawk li qalgħu xi grazzja huma mheġġa li jiktbulna l-grazzja u jagħtuna kemm jistgħu dettalji dwarha. Tinsewx tiktbu isimkom, l-indirizz u n-numru tat-telefown. **Grazzji mingħajr isem shih, indirizz u numru tat-telefown ma jiġux ikkunsidrati.** Jekk ma tkunux tridu li jidher isimkom fuq il-fuljett dan ma jiġix ippubblikat. Huwa mportanti li, kemm jista' jkun, ittuna ċ-ċertifikat tat-tabib fejn jiċċertifika l-fejqan tagħkom.

3. Inheġġu lill-qarrejja biex jimlew il-formola ta' sħubija fil-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn il-formoli jistgħu jittiehdu mill-Girgenti stess jew billi tiktbu lis-Segretarja, Dr. Sylvana Spiteri, 6, Sqaq Nru. 2, Triq il-Kbira, Siġġiewi, SGW 1320.

4. Min hu nteressat li jkun jaf aktar dwar il-ġrajjiet tal-Girgenti infakkrukom li matul is-snin ġew ippubblikati seba' kotba bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. **Għandna wkoll id-DVD "Ix-Xejn Aħjar Minni" dwar il-hajja ta' Ġuża u l-messaġġ tal-Girgenti u DVD iehor li jinkludi r-rużarji b'leħen Ġuża Mifsud.** Dawn il-kotba u DVDs jistgħu jinkisbu jew mill-Girgenti jew billi tiktbu lis-Segretarja fl-indirizz fuq imsemmi.

5. Wiehed jista' jakkwista wkoll santi bit-talba ta' interċessjoni ta' Ġuża Mifsud (bil-Malti u bl-Ingliż) kif ukoll domni, *keychains, DVDs* u kuruni bix-xbieha tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn jinkisbu biss mill-Girgenti jew inkella mingħand xi membru tal-Kumitat.

L-indirizz tal-website tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni huwa dan li ġej:
**www.ourladyofconsecration.org**

Veritas Press – Żabbar

NEWSPAPER POST VO/0236

# LEHEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI
No. 84 OTTUBRU 2010 JITQASSAM BLA ĦLAS

## BRO. CARMELO MIFSUD, ĦU ĠUŻA...



It-Tnejn 12 ta' Lulju 2010 ġejt infurmata li Br. Karmnu Mifsud, l-uniku wieħed mill-aħwa Mifsud li kien għadu ħaj, kien mar jiltaqa' mal-Mulej. Żgur li jistennewh kien hemm ommhu Nikolina, missierhu Sidor u ħutu Nikola, Anna, Karmni u l-maħbuba Ġuża. Kien baqa' jiġi jżurha d-dar tagħha sa' l-aħħar ta' ħajjitha u bejniethom kien hemm imħabba kbira.

Mill-ftit li kont nafu, kien bniedem pjuttost misthi, kważi trid thallsu biex ikellmek, iżda minn dak li smajt dakinhar tal-funeral tiegħu, johroġ ċar li mal-Mulej kellu komunikazzjoni kontinwa tant li kien iqatta hafna sieghat kuljum fil-preżenza ta' Ġesù Sagrament fil-kappella ta' Loyola House in-Naxxar, fejn kien ilu jgħix sa mis-snin hamsin

*Ritratt ta' Br. Carmelo Mifsud, S.J., ħu Ġuża Mifsud li deher fuq il-qoxra tal-ktejjeb "Lil ħbiebna", Leħen il-Ġiżwiti Maltin, fil-ħarġa ta' Ġunju 1992.*
*Skond nota fuq wara tal-qoxra, dan ir-ritratt ġie pubblikat b'għelm ta' apprezzament għal tant u tant xogħol li Br. Carmelo kien jagħmel f'Dar Loyola.*